

Brussell, 14 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

12885/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0277(NLE)

POLCOM 241
SERVICES 61
FDI 53
COLAC 149

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill tal-Kummerċ u r-regoli ta' proċedura tal-Komitat għall-Kummerċ
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed
f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim
dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili,
fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill tal-Kummerċ
u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili (il-“Ftehim”)¹ ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3016² u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Frar 2025.
- (2) L-Artikolu 33.1(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kunsill tal-Kummerċ, li, skont l-Artikolu 33.1(5) tal-Ftehim, għandu jistabbilixxi, fl-ewwel laqgħa tiegħu, ir-regoli ta’ proċedura tiegħu stess u r-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ.
- (3) Il-Kunsill tal-Kummerċ, fl-ewwel laqgħa tiegħu għandu jadotta deċiżjoni dwar ir-regoli ta’ proċedura tiegħu u deċiżjoni dwar ir-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Kummerċ, peress li d-deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni jenħtieġ li tissegjes fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kummerċ mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L, 2024/2953, 20.12.2024,
ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2024/2953/oj.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3016 tat-18 ta’ Marzu 2024 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili (ĠU L, 2024/3016, 20.12.2024
ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3016/oj>).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill tal-Kummerċ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kummerċ meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kummerċ meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
